*Azzjoni ta' jattanza;*
*Artikoli 403 et sequens Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 10**

**Rikors Numru 987/08 TA**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

**vs**

**C.E.B. Metals Limited (C39556) u C.E.B. Limited (C24133)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-Socjeta` Attrici ppresentat fl-1 ta' Ottubru 2008 u mahluf mill-Avukat Dottor Katrina Borg Cardona li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

“1. Illi permezz ta’ ittra tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April tas-sena elfejn u tmienja (2008) mibghuta fuq *letterhead* tas-socjeta` konvenuta C.E.B. Metals Limited u ffirmata, ghan-nom tas-socjeta` konvenuta l-ohra C.E.B. Limited, minn Anthony Camilleri li huwa azzjonista fiz-zewg kumpanniji, il-konventi ivvantaw pretensjonijiet fil-konfront ta’ l-istanti meta qalu li qeghdin izommu lis-socjeta` mittenti responsabbli ghal danni li allegatament qeghdin isofru b’konsegwenza ta’ azzjoni li ttiehdet mill-istanti fil-konfront ta’ terzi, li maghhom il-konvenuti kienu jaghmlu negozju;

2. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sija bonarjament, b’ittra tal-hamsa (5) ta’ Mejju elfejn u tmienja (2008) mibghuta lis-socjeta` konvenuta C.E.B. Metals Limited kif ukoll permezz ta’ ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenuti nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Awissu elfejn u tmienja (2008) (Dok.A) sabiex jirtiraw tali millantazzjonijiet, huma baqghu inadempjenti;

3. Illi l-konvenuti sal-lum naqsu milli jipprocedu b’kawza fil-konfront ta’ l-istanti fir-rigward tal-pretensjonijiet minnhom vantati fl-ittra fuq imsemmija;

4. Illi l-istanti ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenuti u ghalhekk l-istanti ghandha kull interess li tehles mill-millantazzjonijiet tal-konvenuti, ghad li ghal kull buon fini jigi sottomess li hemm kawza pendenti fl-ismijiet “C.E.B. Metals Limited vs Malta Industrial Parks Limited et” (Rik. Gur: 106/2008 JA) li l-mertu taghha jirrigwarda oggetti maqbuda permezz ta’ mandat ta’ qbid mill-poter ta’ terzi;

5. Illi r-raguni ta’ din it-talba hi li l-konvenuti ivvantaw pretensjonijiet bil-miktub fil-konfront ta’ l-istanti mil-liema pretensjonijiet is-socjeta` attrici trid tehles u ghalhekk qed tirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti b’dina l-azzjoni ta’ jattanza;

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:-

1. Tipprefiggi lill-konvenuti, jew min minnhom, zmien qasir u perentorju skond il-ligi sabiex igibu ‘l quddiem b’kawza l-pretensjonijiet taghhom kontra s-socjeta` attrici;

2. Fin-nuqqas, tikkundannahom ghas-skiet perpetwu ossia tipprekludihom milli jipprocedu ulterjorment fil-konfront tas-socjeta` attrici dwar tali pretensjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Mejju 2008 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata nhar is-27 ta' Awissu 2008, kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta tas-Socjetajiet Konvenuti mahlufa minn Robert Camilleri tal-31 ta' Ottubru, 2008 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi preliminarjament is-socjeta` intimata CEB Limited mhijiex il-legittimu kontradittur stante li qatt ma kienet involuta fir-rigward ta' l-aluminium u l-materjal mertu tal-kawza fl-ismijiet 'C.E.B. Metals Limited vs Malta Industrial Parks Limited et' (Rik Guram Nru 106/2008 JA) li tieghu hija responsabbli ghalih is-socjeta` intimata CEB Metals Limited.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subbordinament, il-mertu tal-kaz huwa *sub judice* permezz ta' kawza pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet 'C.E.B. Metals Limited vs Malta Industrial Parks Limited et' (Rik Guram Nru 106/2008 JA) li l-mertu tieghu jirrigwardaw oggetti ta' aluminium maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid numru 1825/07 u oggetti ohra ta' aluminium li mhumiex maqbudin mill-istess mandat kollha tas-socjeta` intimata CEB Metals Limited u li kwalunkwe danni jemanu minn tali mertu.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subbordinament, is-socjeta intimata CEB Metals Limited baghtu l-korrispondenza ta' 25 ta' April 2008 a bazi tal-mertu li ghadu *sub judice* u zgur li ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tati zmien perentorju biex huma jgibu il-kaz taghhom gudizzjarjament jew inkella jitilfu d-drittijiet taghhom meta qabel xejn ghandha l-ewwel tigi deciza l-kawza bin-numru106/2008JA.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subbordinament, mhuwiex possibbli li d-danni jigu stabbiliti qabel ma' l-aluminium u l-materjal kollu li huwa maqbud bil-mandat ta' qbid numru 1825/07 u l-materjal kollu l-iehor li mhux maqbud bil-mandat jigi ritornat kollu kemm hu lis-socjeta intimata CEB Metals Limited stante li l-prezz ta' l-aluminium huwa regolat minn barra minn Mata u dan jinbidel kuljum u ghalhekk zgur li l-ewwel ghandha tigi deciza l-kawza bin-numru 106/2008JA.

5. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 fejn il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**<u>Il-Fatti tal-kawza</u>**

**1.** Is-socjeta' konvenuta C.E.B. Metals Limited kienet ikkummissjonat lil Alufinish Ltd xoghol li kien jikkonsisti f'xi xoghol tal-aluminium. Skont kif fehmet din il-Qorti din is-socjeta` kienet topera minn fabbrika li kienet okkupata minn socjeta` ohra bl-isem ta' Aluminium Extrusions Limited. Jidher li dawn iz-zewg socjetajiet kellhom l-istess azzjonisti (ara affidavit ta' Anthony Camilleri ` fol 36).

**2.** Is-socjeta' Aluminium Extrusions Ltd, kienet tikri l-fabbrika minn fejn topera minghand is-socjeta' attrici. Qamu xi kwistjonijiet bejn l-imsemmija

socjeta` u fl-2007 is-socjeta' attrici, sakemm din tal-ahhar harget ordni ta' zgumbrament ai termini tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta kontra Aluminium Extrusions Ltd.

**3.** In kawtela tal-pretensjonijiet taghha s-socjeta' attrici otteniet il-hrug ta' mandat ta' qbid kontra Aluminium Extrusions Ltd u fost l-affarijiet li nqabad kien hemm kwantita` ta' materjal ta' aluminium bhala parti mix-xoghol li kien ikkummissjonat mis-socjeta' konvenuta C.E.B. Metals Limited.

**4.** Dan il-fatt wassal biex din is-socjeta' konvenuta C.E.B. Metals Limited baghtet ittra datata 25 ta' April 2008 (a` fol 6) fejn zammet lis-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni b'konsegwenza tal-fatt li dak il-mandat gie esegwit fuq il-materjal tal-aluminium inkwistjoni. Tajjeb li jinghad li ghalkemm jidher li din l-ittra intbaghtet fl-interess tas-socjeta` konvenuta C.E.B. Metals Limited, il-firmatarju taghha AM Camilleri nizzel "f/C.E.B Limited. Din l-ahhar socjeta' jidher li tesisti ghaliex li kieku ma kienx hekk l-ewwel eccezzjoni ma kienitx tkun li din is-socjeta' ma ghandhiex x'taqsam izda li ma tesistix. Tant tesisti li qalet li ma kinitx il-legittimu kontradittur (ara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti).

**5.** B'konsegwenza ta' dan, b'ittra tal-5 ta' Mejju 2008 (a` fol 7) is-socjeta` attrici wiegbet li ma kellha ebda relazzjoni mas-socjeta' konvenuta C.E.B. Metals Limited u di piu' ghamlet referenza ghall-kawza li kien hemm bejn il-

partijiet u li fil-mori tal-kawza irrisulta li din kienet referenza ghar-rikors guramentat 106/2008JA. Di fatti din il-kawza kienet diga` inbdiet qabel ma kien hemm l-iskambju tal-korrispondenza imsemmija.

**6.** Is-socjeta` attrici ghalhekk, kemm fl-ittra fuq imsemmija tad-29 ta' April 2008 u kif ukoll b'ittra ufficjali tas-27 ta' Awwissu 2008 (a` fol 5) sejhet lis-socjetajiet konvenuti sabiex jirtiraw il-millantazzjonijiet li kienu qeghdin fl-ittra fuq imsemmija. Dawn baqghu qatt ma irtirawhom u ghalhekk saret il-kawza odjerna sabiex is-socjetatjiet konvenuti jiddeducu l-pretensjonijiet taghhom b'kawza jew jigi lilhom impost silenzju perpetwu.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

**7.** Din hija kawza ta' jattanza a` tenur tal-artikoli 403 et sequens tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif qalet il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili per imhallef Noel Arrigo fid-decizjoni taghha tal-14 ta' Lulju 1999:-** "Illi l-iskop uniku legali u socjali tal-Istitut ta' jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jigu rizolti. Il-ligi ma tridx li thalli pretensjonijiet fl-arja kif l-anqas ma trid li persuna tivvessa persuna ohra bi pretensjonijiet li ma jingiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti ghas-smiegh u determinazzjoni."

**8.** Minn naha l-ohra wiehed irid iqis ukoll, li din ix-xorta ta' azzjoni tintroduci principju li huwa regola eccezzjonali ghal principju l-iehor eccezzjonali fis-sens li hadd ma ghandu jkun kostrett li jaghmel kawza. Fil-

fatt il-Professur Caruana, fin-noti tieghu jikkummenta s-segwenti appositament dwar din ix-xorta ta' azzjoni: "...*a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.*" ('Notes on Civil Procedure' pagna 1456).

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Bosta huma dawk is-sentenzi li jelenkaw l-elementi guridici si jridu jirrisultaw sabiex din l-azzjoni tirnexxi. Elementi li jridu jesistu kumulittivament. Jonqos element wiehed u taqa' din l-azzjoni appuntu ghaliex hija azzjoni eccezzjonalissima.

**10.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Jokate Group of Companies Limited –vs- Catherine Portelli, datata l-11 ta' Gunju, 2014 il-Qorti per Imhallef Anna Felice** il-Qorti qalet hekk:-

> "L-elementi rikjesti sabiex tirnexxi l-kawza ta' jatt anza huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza ta' dawn il-qrati. Fil-kawza ricenti Paul Agius pro et-vs- Joseph Meilaq pro et deciza mill-Appell fit-28 ta' Marzu 2014, gew elenkati kif gej:
>
> a. L-attur irid ikollu pussess, almenu de facto u prima facie tal-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol. XX-II-338);
>
> b. Il-konvenut ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oggett (Vol. XXXII-II-287 u XLII-II-1146);

c. Il-pretensjoni trid tkun spontaneja u mhux provokata bl-agir tal-attur, (Vol. XXIV-II-358 u XXXI-I-494 ) u Madliena Developments Limited vs. Ufficju Kongunt (Prim'Awla 6 ta' Frar, 2004);

d. Il-pretensjoni trid ikollha l-karattru li tista' tigi esercitata b'azzjoni gudizzjarja;

e. Il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat, (l-istess kawza indikata f' 'd');

f. Il-pretensjoni ma ghandiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix, (Vol. XVI-II- 85 u XXI-1-6)."

**11.** Ma dawn l-elementi, din il-Qorti taggungi element iehor: dak li l-azzjoni ta' jattanza trid tingieb fi zmien sena minn meta tkun saret il-pretensjoni u dan kif jirrikjedi b'mod perentorju l-artikolu 403 tal-Kap 12 tal-Jigijiet ta' Malta. Dan il-perjodu jiddekorri minn meta tkun saret l-ahhar pretensjoni.

**12.** Il-Qorti ma tantx ghandha wisq fatti quddiemha hlief ghal zewg affidavits u asserzjonijiet pjuttost generici u privi minn dettalji li kieku inghataw x'aktarx iffacilitaw ix-xoghol tal-Qorti. Minn dak li setghet tnaqqi din il-Qorti mix-xhieda u dokumenti opportuni, din il-Qorti taf li hemm kawza bejn tnejn mill-partijiet u taf ukoll li hemm mandat ta' qbid. Il-kawza saret mis-socjeta` konvenuta C.E.B. Metals Limited kontra s-socjeta` attrici fil-kawza odjerna u ggib in-numru 106/ 2008 JA u l-mandat ta' qbid ghandu numru 1825/07MB, li skont kif fhemet il-Qorti fost l-affarijiet li gew maqbuda bih hija

kwantita` ta' aluminium li fil-kawza imsemmija s-socjeta' C.E.B. Metals Limited qed tipprova titlob dikjarazzjoni li dak il-materjal huwa propjeta` taghhom u ghalhekk qeghdha titlob li jkun rilaxxjat lilha (ara paragrafu numru 7 tal-affidavit ta' Anthony Camilleri a` fol36).

**13.** Il-Qorti trid ukoll tippuntwalizza li f'din il-kawza huwa tajjeb li jkun stabbilit b'mod specifiku x'inhi l-pretensjoni tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, li spingiet lis-socjeta attrici tistitwixxi l-kawza odjerna. Il-pretensjoni mertu tal-azzjoni hija kjarament espressa fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat u cioe`, li l-konvenuti "ivvantaw pretensjonijiet fil-konfront ta' l-istanti meta qalu li qeghdin izommu lis-socjeta` mittenti responsabbli ghal danni li allegatament qeghdin isofru b'konsegwenza ta' azzjoni li ttiehdet mill-istanti fil-konfront ta' terzi, li maghhom il-konvenuti kienu jaghmlu negozju".

**14.** Dan ifisser li din il-kawza tiddetermina l-aspett tad-danni biss bejn il-partijiet u mhux xi aspetti ohra ta' diverbji li ghad jistghu jesistu bejniethom, bhal ma nghidu ahna ta' min hi l-propjeta' tal-aluminium soggett ghall-mandat ta' qbid fuq imsemmi. Dan kollu qieghed jinghad ghaliex dan il-punt partikulari ser ikollu rifless kemm fuq it-talbiet attrici u kif ukoll l-eccezzjonijiet moghtija.

**15.** Fil-kwistjoni originali per se', li s-socjeta` attrici kellha mas-socjeta` Extrusions Aluminium Ltd, is-socjetajiet konvenuti, partikularment C.E.B. Metals Limited, tassew kienu estraneji ghaliha. Izda gara li bil-qbid tal-aluminium fuq imsemmi sehh straripament ta' kwistjonijiet legali bil-koinvolgiment tas-socjeta` konvenuta targumenta, li dak il-materjal ma ghandux ikun soggett ghall-qbid ghaliex kien jappartjeni lilha. Di fatti l-istess avukat tas-socjeta` attrici fl-ittra tieghu tal-5 ta' Mejju 2008 (a` fol 7) fl-ahhar paragrafu taghha jghid hekk: “With regards to the release of movables over which your company claims that it holds title, you may recall that your company has filed a sworn application against MIP and others for judicial pronouncment to this effect. This matter is therefore *sub judice* and any comment on this matter would be superflous.” Dan jaqbel ma dak li xehed Anton Camilleri bl-affidavit (supra) li din il-kawza tassew kienet tesisti.

**16.** Ai fini tal-konsiderazzjonijiet tal-mertu li ghandha quddiemha din il-Qorti, huwa sinjifikanti l-kronolgija ta' kif sehhew l-avvenimenti tal-atti gudizzjarji li kif inghad aktar l fuq, iz-zewg partijiet jaghmlu referenza ghalihom. Ma hemm ebda dubbju li l-mandat inkwistjoni inhareg fl-2007. Dan jirrisulta kemm minn numru tieghu u kif ukoll , il-kawza 106/2008 saret minhabba fih. Di piu` fil-mument li kienet ghaddejja l-korrispondenza fuq imsemmija, dik il-kawza kienet diga` nbdiet ghaliex kieku ma kienx ikun

hemm referenza ghaliha.  Is-sekwenza ta' kif sehhew l-avvenimenti takkwista importanza.

**17.** Jidher li minn naha taghha s-socjeta' attrici qeghdha tikkumbatti dik il-kawza billi strahet fost l-ohrajn fuq dak li jiddisponi l-artikolu 2009(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li kellha privilegg fuq dak kollu li kien jinsab fil-fabbrika fil-mument tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid, anke jekk dak materjal ta' terz.  Dawn il-fatti jemergu mill-affidavit fuq imsemmi ta' Anthony Camilleri.  Tajjeb li jinghad, li s-socjeta' attrici rrinunzjat ghall-kontro ezami tal-imsemmi Anton Camilleri fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2012 u ghalhekk ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-esattezza tal-fatti f'dak l-affidavit (a` fol 39) tal-inqas dwar il-minumu ta' dettalji dwar ix-xorta ta' azzjonijiet u difizi li qed isiru mill-partijiet ghal dik il-kawza.

**18.** Huwa ghal kollox indubitat, li huwa dritt sagrosant ta' persuna li tippromwovi azzjoni tax-xorta bhal dik maghmula mis-socjeta' C.E.B. Metals Limited, u cioe` meta t-terz jittanta jaghmel azzjoni biex jestrometti mill-effetti ta' mandat ta' qbid hwejjeg li jkunu jappartjenu lilu u mhux lid-debitur ta’ min jottjeni l-hrug ta' mandat ta' qbid.  Il-Qorti tqis ukoll li fid-dawl tal-opposizzjoni kontra min ikun ottjena l-mandat, huwa ukoll ragjonevoli li dak li jkun jirreferi ghal kull azzjoni ta' danni li jista' jsofri fid-dawl tal-opposizzjoni maghmula, fl-eventwalita` li jigi dikjarat li dawk l-oggetti maqbuda tassew jappartjenu lit-terz.

**19.** Fil-kaz odjern, il-Qorti mhux ser tidhol fil-mertu ta' min ghandu ragun f'dik il-kawza jew dwar xi privileggi li talvolta jista' ghandha s-socjeta' attrici ai termini tal-arikolu 2009(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kull ma ghandha tezamina din il-Qorti ai fini ta' dawn il-proceduri li huma eccezzjonalissimi, jekk fic-cirkostanzi, dak li kitbet is-socjeta' konvenuta C.E.B. Metals Limited fl-ittra tal-25 ta' April 2008, kienitx pretensjoni spontaneja jew wahda provokata, fost ahrajn mid-difizi li kienet qeghdha taghmel is-socjeta' attrici fil-kawza 106/2008JA u liema kawza kienet diga' inbdiet meta intbaghtet dik l-ittra.

**20.** Is-sentenzi dwar il-materja kollha jistabilxxu li, ghalkemm il-provokazzjoni l-anqas ma hi mehtiega li ssir b’xi att gudizzjarju trid pero' tirrizulta cara u tindika b’mod inekwivoku l-opposizzjoni ghal xi dritt pretiz jew gawdut mill-parti l-ohra. (ara **decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Tonio Mallia fl-ismijiet Imelda Tabone pro et -vs- Agnes Galea tal-11 ta' Dicembru 2003.** F'din is-sentenza hemm rassenja gurisprudenzjali fuq dan il-punt). Fil-kawza odjerna din l-opposizzjoni tirrisulta li qed issir mis-socjeta` attrici fil-kawza 106/2008JA.

**21.** Il-Qorti trid terga' taghmilha cara, li fil-waqt li b'ebda mod ma trid taghti xi hjiel ta' min f'dik il-kawza jista' ghandu ragun fil-ligi, l-opposizzjoni maghmula fiha, ragjonevolment provokat lis-socjeta` attrici sabiex tirreferi

ghad-danni li tista' issofri fl-eventwalita` li jirrisulta li ghandha ragun u issofri danni li trid twiegeb ghalihom is-socjeta` attrici. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li qalet fl-ittra tal-25 ta' April 2008 la kien fieragh u l-anqas vessatorju.

**22.** Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li hemm wiehed mill-elementi neqsin biex setghet tkun esercitata l-azzjoni ai termini tal-artikolu 403 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` li l-pretensjoni avvanzata mis-socjeta' C.E.B. Metals Limited ma kienitx spontanja izda provokata.

**23.** Fl-ahhar nett issir referenza ghall-fatt li l-kawza odjerna saret ukoll kontra s-socjeta' konvenuta C.E.B. Limited. Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti spjegaw li din is-socjeta` ma hiex il-legittima kontradittrici peress li l-mertu tal-kwistjoni jirrigwarda biss lis-socjeta' C.E.B. Metals Limited. Mill-ampless tal-provi jidher li dan huwa l-kaz. Ghalhekk, filwaqt li din is-socjeta` ser tkun qed tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju, il-konvenuti xorta ghandhom ibatu l-ispejjes ta' dawn il-proceduri sa fejn jirrigwardaw lil din is-socjeta` biss.

**24.** Dan qieghed jinghad ghaliex is-socjeta` attrici kellha ragun tindirizza l-kawza kontra z-zewg konvenuti tenut kont il-mod kif inkitbet l-ittra tal-25 ta' April 2008: fuq *letter head* tas-socjeta` C.E.B Metals Ltd izda ghan-nom ta' C.E.B Ltd meta jemergi car li fil-fatt inkitbet fl-interess tal-ewwel socjeta`.

## Decide

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta' C.E.B. Limited (C24133).

**Tilqa'** t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

**Tichad** it-talbiet attrici kollha.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici mentri dawk tas-socjeta` C.E.B. Ltd jithallsu mis-socjeta` konvenuta C.E.B. Metals Limited.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**